MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 382/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Mallia)**
**Vs**
**Mark Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja :-

talli f'xi zmien bejn id-29 ta' Novembru 2001 u s-7 ta' Dicembru 2001 fil-Mosta kkommetta serq ta' vettura Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524 liema serq hu kkwalfikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Noel Spiteri mill-Mosta.

fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta' izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u

cioe’ fl-imsemmija vettura tal-marka Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524 ghad-detriment ta’ Noel Spiteri mill-Mosta.

fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.

fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, b’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ffalsifika n-numru tac-chassis tal-vettura tal-marka Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524, bil-ksur tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat billi hassar in-numru tac-chassis tal-vettura tal-marka Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524, bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku w pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom jippruvaw u xjentemnet ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe’ minn licenzja tal-windscreen bin-numru serjali ‘B 551349’ u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-licenzja tal-windscreen ffalsifikata bin-numru tal-windscreen bin-numru serjali ‘B 551349’ bi ksur tal-artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

bejn id-29 ta’ Novembru 2001 u s-7 ta’ Dicembru 2001, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524 minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b’hekk ma kienx kopert b’polza t’assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni.

kiser il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta’ Lulju 200, f’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tlett snin.

Ikkommetta diversi reati/delitti li ghalihon hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 15 t’Ottubru 2001, liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Dicembru, 2008, li biha, peress li dik il-Qorti ma kienitx konvinta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-appellant kellu jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, ghal dawn il-motivi lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 ta’ Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li s-sentenza hija nulla w li ma’ sarx apprezzament xieraq tal-provi, w tiddeciedi l-mertu tal-kawza ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mill-gdid u ssib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- l-ewwel aggravju jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma tatx ir-raguniijiet tas-sejbien jew nuqqas ta' sejbien ta' htija fil-konfront tal-akkuzi kollha w cioe' l-hdax l-akkuza li kellu. L-Ewwel Qorti lliberat ghaliex fil-fehma taghha *"l-uniku ness li hemm bejn il-vettura misruqa CAQ 524 u l-imputat hija din Miriam Bugeja….."* Dan ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-proceduri kriminali w l-Ewwel Qorti ma jidhirx li hadet in konsiderazzjoni l-akkuzi kollha ohrajn li fuqhom ma tat ebda spjegazzjoni ghala kienet qed tillibera minnhom ukoll. Dan imur kontra l-artikolu 662 (2) tal-Kodici Kriminali. Dan jirrendi s-sentenza appellata nulla anki ghab-bazi tal-artikolu 413 (3) tal-Kodici Kriminali. Dan jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3). Illi it-tieni aggravju jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tillibera lill-appellat mill-akkuzi w sar apprezzament hazin tal-provi ghax ix-xhieda juru bic-car li kellhom jirrizultaw l-akkuzi kollha fil-konfront tal-appellat. L-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni r-rizultati u l-konkluzzjonijiet tal-esperti tal-Qorti. Apparti dawn, Miriam Bugeja kienet ipproduciet ukoll *log book* u l-polza tal-asskurazzjoni li qalet li kien tahomlha l-appellat meta bieghhilha l-vettura misruqa. William Gauci, sid tal-Alfra Romeo, kien gharaf dawn id-dokumenti w gharaf lill-appellat bhala l-persuna li lilu kien biegh l-Alfa Romeo. Miriam Bugeja kienet dejjem konsistenti f' dak li qalet. Dejjem indikat lill-kugin taghha l-appellat bhala l-persuna li lilha kien bieghilha l-karozza Alfa 33 maroon bin-numru ta' registrazzjoni BAA 173. Ma kienx hemm raguni ghala l-Ewwel Qorti ddubitat ix-xiehda taghha.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti ma tatx ir-ragunijiet ghala ma sabitx htija fl-appellat tal-akkuzi kollha. Illi fil-fatt mhux korrett l-appellant meta jghid li kull

ma qalet l-Ewwel Qorti biex waslet ghall-liberazzjoni kien li :- "*"l-uniku ness li hemm bejn il-vettura misruqa CAQ 524 u l-imputat hija din Miriam Bugeja….."* L-ewwel Qorti ziedet tghid ma dan : *"li qalet li xtrat il-vettura BBA 173 minghand l-imputat izda frankament din il-Qorti mhix konvinta minn dan kollu li qalet dan ix-xhud. Il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-imputat allegatament ghadda minn dan ic-ciklu kollu fejn l-ewwel seraq vettura, xtara ohra bil-prezz ta' Lm100 izda ddecieda li jisskrappjha biex nel frattemp nefaq il-flus billi xtara vettura bhala, biddel il-kulur ta' dik misruqa, bidlilha s-seats u skambja d-dokumenti biex b' hekk biegh dik misruqa ghal tlett mitt lira."* u kkonkludiet li: *"Il-Qorti mhix konvinta 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ghal dawn il-motivi qed tilliberah."*

Ghalhekk ma hux korrett li ma nghatat ebda motivazzjoni ghal-liberazzjoni mir-reati l-ohra dedotti oltre s-serq.

F' kull kaz l-artikolu 662 (2) invokat mill-Appellant Avukat Generali mhux rilevanti ghax dan espressament japplika biss ghal <u>kwistjonijiet ta' ligi</u> li jigu decizi mill-<u>Qorti ta' l-Appell Kriminali u mill-Qorti Kriminali</u> w mhux ghall-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Lanqas ma jirrizulta li nkiser id-dispozittiv tal-artikolu 413 (3) ukoll invokat mill-appellant, ghaliex id-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet ibbazata unikament fuq apprezzament tal-fatti w mhux fuq xi wahda jew aktar mill-ipoteseijiet kontemplati fl-artikolu 413 (3) (1) (b) (iv), (v) u (vi). Dan l-artikolu hu wkoll manifestament irrilevanti ghas-sottomissjoni tal-appellant.

Illi lanqas ma jidher li nkiser il-provvediment tal-artikolu 382 invokat mill-appellant. Ghaliex dan japplika biss meta tinstab htija mill-Ewwel Qorti w r-riferenza ghall-fatti hi limitata biss ghall-'*fatti li taghhom dan* (l-akkuzat) *ikun gie misjub hati*.' Hawn l-appellat ma kien instab hati ta' ebda fatt. F' kull kaz ukoll il-Qorti kienet ghamlet ri-epilogu tal-fatti fis-sentenza appellata qabel ma waslet ghall-

konkluzzjoni fuq citata verbatim. Wiehed ma ghandux lanqas ihawwad il-fatti tal-kaz mal-motivazzjoni w argumentazzjoni tal-Qorti, kif donnu qed jaghmel l-appellant meta invoka dan l-artikolu.

L-artikolu 377 (1) li ghalih ghamel riferenza l-appellant ukoll ma hux rilevanti ghas-soluzzjoni ta' dan l-aggravju.

Illi mbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joslann Brignone"** [8.2.2007]:-

*Illi…., kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mal-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - <u>in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali.</u> Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti."*

Ghalhekk ma jirrizulta li kien hemm ebda ksur jew ommissjoni ta' xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita' jew li tkun xort' ohra sostanzjali li tista' twassal ghat-thassir tas-sentenza f' dan il-kaz skond l-art. 428 (3) tal-Kodici Kriminali kif qed jitlob l-appellant.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-

istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *“safe and satisfactory”* fid-dawl tar-rizultanzi.

“Illi appropositu ta’ dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza “R. v. Cooper” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Ovvjament dan japplika wgwalment fil-kazijiet fejn l-appell ikun qed isir mill-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat;

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process.Minn dan l-ezami johorgu l-fatti li jistghu jigu sintetizzati kif gej:- Fis-7 ta' Dicembru, 2001, **Noel Spiteri** kien ghamel rapport fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta li kienet insterqitlu l-karozza tieghu Alfa Romeo 33, hadra numru CAQ 524.

Ftit taz-zmien wara il-Pulizija tal-Belt kellha rapporti li kien hemm Alfa Romeo maroon li kien ilha pparkjatha go triq l-Belt xi tlitt gimghat. Il-Pulizija haduha id-Depot u bdew

investigazzjoni dwarha. Din kellha l-pjanci tar-registrazzjoni numru BAA 173 u l-licenzja tal-istess numru pero' b' data tal-iskadenza li kienet tidher imbaghbsa. Din il-car Noel Spiteri kien gharafha b' certezza li kienet tieghu ghand il-Pulizija ghalkemm kellha kulur differenti: *maroon* u l-licenzja li kellha fuq il-windscreen ma kienetx tieghu.

Fl-istess zmien certu **William Gauci** beda jircevi citazzjonijiet dwar karozza Alfa Romeo 33 li kienet ipparkjatha l-Belt u meta baghtu ghalih il-Pulizija, dan iddikjara li ftit taz-zmien qabel kien biegh Alfa Romeo 33 ta' kulur cream bin-numru BAA 173 lill-appellat. Meta ra din il-karozza li instabet il-Belt, qal li ghalkemm in-numru tar-registrazzjoni w l-licenzja kienu tieghu, il-karozza tieghu ma kienetx "*maroon*" ghax tieghu kienet safra , *"cream".* Gauci xehed li meta biegh il-car lill-appellat kien ikkonsenjalu d-dokumenti kollha taghha wkoll.

**Brian Farrugia,** li xehed in rapprezentanza tal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, xehed li l-Alfa Romeo 33 numru BAA 173 ta' kulur *ivory* kienet registrata fuq William Gauci invece dik numru CAQ 524 li kienet hadra, kienet registrata fuq Noel Spiteri.

L-espert nominat mill-Qorti **Joseph Zammit,** fir-relazzjoni tieghu, qal li rrizultalu li l-kulur originali *metallic green* tal-Alfa Romeo CAQ 542, li kienet insterqet minghand Noel Spiteri, kien tghatta billi l-karozza kienet inzebghet bl-addocc kulur kannella. Inoltre gew mibdula l-pjanci tan-numru tar-registrazzjoni taghha minn CAQ 542 ghal BAA 173 . Sar *grinding* ossia illimar tac-*chassis number* u gie mibdul is-sedil.

**Marianne Bugeja**, li tigi kugina tal-appellat, kienet marret tirraporta l-karozza taghha li kienet halliet ipparkjata il-Belt xi tlitt gimghat qabel, ghax kienet habtet mal-bankina biha l-Imsida u ghamlet hsara fir-rota, ma sabithiex fejn hallietha. Meta l-Pulizija nfurmawha li kienu haduha huma ghall-investigazzjoni, hi kienet giet interrogata u qalet li kien kienet xtratha minghand l-appellat bil-prezz ta' LM300. L-appellat kien taha l-*log book* u xi karti ohra

maghha l-car. Meta xehdet baqghet issostni l-istess versjoni li kien l-appellat li kien bieghilha l-karozza.

L-appellat ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti ghalkemm fiz-zewg stqarrijiet tieghu li gew esebiti hu dejjem cahad li kien biegh il-karozza lil Marianne Bugeja. Fl-istqarrija li kien ghamel fid-19 ta' Jannar, 2002 (Dok. MD1, a fol. 239 et seq. tal-process) hu qal li kien ta l-karozza BAA 173 lill-Pinzell ta' Hal Qormi biex tigi *"scrapped"* ghax ma kienetx tajba ghal got-triq. Il-pjanci u l-*log book* b' kollox pero' kien tahom lil Fredu Bugeja imlaqqam "il-Porporina", li jigi missier Marianne Bugeja.

Mistoqsi mill-ispettur Stephen Mallia:

*"Tista' tghidilna ghaliex tajthom lil Fredu l-'Porporina' bil-log book b' kollox?*", l-appellat irrisponda : "*Ma nwegibx."*

Cahad dak li gie suggerit lilu mill-Ispettur Mallia li hu kien biegh Alfa ohra differenti li hi misruqa lit-tifla tal-Porporina bl-istess numri ta' dik li kien xtara miz-Zurrieq ossia minghand Gauci.

Pero' fl-istqarrija li kien irrilaxxja fl-1 ta' Frar, 2005 (Dok. SM1 a fol. 20 et seq. tal-process) l-appellat kien varja l-versjoni tieghu w ghalkemm kien qed jikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu precedenti fuq imsemmija qal:-

*"…irrid nghid li fil-mistoqsija dwar ghalfejn il-pjanci u log book ta' din il-karozza kont tajthom lil Fredu 'il-Porporina' li ghallliema mistoqsija jien kont ghazilt li ma nwegibx, illum irrid nghid li ghalkemm l-Alfa is-safra kont tajtha lil Pinzell ta' Hal Qormi minghajr il-pjanci u log book, dawn fil-fatt kont ghaddejthom lil Fredu 'il-Porporina biex jiskrappjha hu l-Alfa."*

Fuq dawn il-provi l-Ewwel Qorti ddecidiet li tillibera ghall-motivi fuq testwalment riprodotti.

Ikkonsidrat;

Issa ghalkemm il-provi indizjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellat, is-suspett mhux prova. Certament ma hemmx prova li kien l-appellat li attwalment seraq il-karozza CAQ 524 mill-Mosta kif inhu akkuzat fl-ewwel imputazzjoni jew li kien komplici f' dan is-serq. Lanqas ma hemm xi prova li kien l-appellat li ghamel hsara volontarja konsistenti fit-tibdil fl-istess karozza billi din giet mizbugha b' zebgha ta' kaf-kaf u bl-illimiar tac-chassis number jew li hu kien komplici f' dan. Ghalhekk l-akkuzi ta' danni volontarji w falsifikar jew uzu minn dokument falsifikat bit-thassir tan-numru tac-chassis tal-Alfa Romeo CAQ 542, u falsifikar tal-licenzja, komprizi fit-tieni, ir-raba' il-hames u fis-sitt imputazzjonijiet ukoll ma jirrizultawx pruvati.

Lanqas ma gie pruvat li l-appellat kien xjentement ghamel uzu mill-licenzja tal-*windscree*n falsifikata bin-numru serjali 'B 5511349' , skond is-seba' imputazzjoni.

Pero' certament hemm prova diretta li gejja mix-xiehda tal-kugina tal-appellat Marianne Bugeja, li ma jirrizultax li kellha jew ghandha xi interess li tippregudikah, li hi kienet xtrat il-vettura minghand l-appellat bil-prezz ta' LM300. Hu minnu li din l-allegazzjoni giet michuda fl-istqarrijiet tal-appellat li ghazel li ma jixhidx - kif kellu dritt li jaghmel, pero' din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala din il-prova skjaccanti kellha tigi skartata mill-Ewwel Qorti. Jidher li l-Ewwel Qorti "*brushed aside*" prova kategorika w diretta bhal din bla ebda raguni legali w irragonevolment.

Jekk wiehed jaccetta w jabbracja l-versjoni ta' Marianne Bugeja, jigi li l-appellat zgur kien fil-pussess ta' vettura li kienet misruqa recentement qabel ma mbaghad bieghha lil Bugeja. Din il-vettura giet rapportata misruqa fis-7 ta' Dicembru, 2001 u fil-11 ta' Jannar, 2002 instabet ipparkjatha il-Belt fejn kien ilha pparkjatha madwar tlitt gimghat, igiefieri minn madwar l-20 ta' Dicembru, 2001. Mela kien bejn is-7 ta' Dicembru w cirka l-20 ta' Dicembru, 2001, li l-appellat kien biegh il-car misruqa lil Marianne Bugeja. F' dan il-periodu qasir ta' madwar gimghatejn mis-serqa, l-appellat kien gie fil-pussess ta' vettura misruqa.

F' dawn ic-cirkostanzi tidher li hija applikabbli dik li fil-gurisprudenza Ingliza hija maghrufa bhala it-"**theory of recent possession"**, li ssib applikazzjoni ukoll mill-Qrati Maltin.

Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[**26.8.1998]); it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *"law of evidence"* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat is-segwenti bran mill-**Archbold**: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from* ***<u>Cross on Evidence</u>*** *, 5$^{th}$. ed., p.49 (now 8$^{th}$. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief <u>or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen</u>….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (<u>a) if he offers no</u>*

*explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue.”* (sottolinear ta' din il-Qorti)

*“Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence.”*

Ikkonsidrat;

Illi f' dan il-kaz l-appellat, minnflok ma ta' spjegazzjoni plawsibbli ghal tali pussess, ghazel li jinnegah kompletament, meta kuguntu Marianne Bugeja, konsistentement u kredibilment kkonfermat bil-gurament li hi xtrat il-car minn ghandu.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-principji ta’ dritt, din il-Qorti hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti kien imissha ikkonkludiet legalment u ragjonevolment li, mill-provi fuq riprodotti, kellu jirrizulta ghall-inqas ir-reat ta' ricettazzjoni kontemplat fit-tielet imputazzjoni, ghaliex ghalkemm verament minn imkien ma jirrizulta li kien l-appellant li kien ghamel il-*contrectatio,* jew *amozione de loco ad loco* tal-vettura misruqa, certament li kellu jirrizulta ghall-Ewwel Qorti li kien xjentement fil-pussess tal-vettura *de quo* li rrizulta li kienet misruqa.

Ghalhekk, jekk stess ma tirrizultax pruvata sodisfacentement l-ewwel imputazzjoni ta' serq kwalifikat bil-valur, kellha w ghandha tirrizulta l-akkuza alternattiva ta' ricettazzjoni taht l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali indikat fin-Nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali (a fol. 108 tal-process) fil-konfront tal-istess vettura. F' dan is-sens ghalhekk it-tieni aggravju qed jigi milqugh u l-

appellat ser jigi misjub hati tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni kompriza fit-tielet imputazzjoni.

Id-disa' imputazzjoni li saq il-vettura Alfa Romeo CAQ 524 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku jew li saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura w b' hekk ma kienx kopert b' polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi, ma tirrizultax pruvata ghax Marianne Bugeja ( u del resto hadd ) ma xehditx li rat lill-appellat isuq din il-karozza. Kull ma tghid a fol. 224 hu li "*wara xi tlitt gimghat gie Mark qalli li ghandu Alfa Romeo u* <u>*mort narha*</u> *Birkirkara".* Hallsitu tlitt mitt lira w haditha. Igifieri ma hemmx l-icken prova li l-appellat kien attwalment saq il-vettura *de quo* jew li kien ikkonsenjahielha hu billi wassalhielha ghax saqha hu.

L-addebiti l-ohra w cioe' dik ta' recidiva skond l-art. 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9, tirrizulta bl-esebizzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar, 2001, fejn l-appellat gie identifikat mill-Ispettur Angelo Caruana. Dik li kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap.152 b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Lulju, 2001, li biha kien gie estiz lilu l-periodu tal-*probation* ghal tlitt snin ohra, tirrizulta bl-esebizzjoni tal-imsemmija sentenza w bl-identifikazzjoni tal-appellat mill-Ispettur Miruzzi kif ukoll l-addebitu li kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza tal-15 t' Ottubru, 2001, jirrizulta pruvat mill-kopja ufficjali tas-sentenza relattiva esebita w bl-identifikazzjoni tal-appellat mill-Ispettur Bonello.

Is-sentenzi tat-28 ta' Gunju, 2002 u tal-10 ta' Settembru, 2003 ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni pero' ghax dawn inghataw wara li gie kommess ir-reat ta' ricettazzjoni li tieghu l-appellat qed jinstab hati.

Illi meta qieset il-fedina penali arci-refrattarja tal-appellat (li ssubixxa mhux inqas minn hdax (11) il-kundanna fuq reati serji mill-Qrati) u n-numru ta' opportunitajiet li hu kien inghata inutilment mill-Qrati biex ibiddel hajtu, din il-Qorti

m' ghandhiex ezitazzjoni li tqis li dar-reat fic-cirkostanzi hu punibbli b' piena karcerarja effettiva, li trid tiehu in konsiderazzjoni l-valur tal-vettura misruqa kif jirrizulta anki mir-relazzjoni tal-espert Joseph Zammit u cioe' li jeccedi l-ammont ta' elf lira Maltin (illum Ewro 2329.37c),(ara fol. 165 tal-process) kif ukoll ir-recidiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt u t-tmin imputazzjoni w billi tirrevokaha in kwantu ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni ta' ricettazzjoni , tas-seba' addebitu tar-recidiva , tad-disa' addebitu li kiser il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li ma sabitux hati tal-ghaxar addebitu li kkommetta reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 15 t' Ottubru, 2001, u minnflok, wara li rat l-artikolu 334(a), 279 (b), 533 u 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap.446 u 5 tal-Kap.152, issib lill-appellat hati tat-tielet imputazzjoni w cioe' talli xjentement laqa' ghandu il-vettura Alfa Romeo 33 numru CAQ 524, li kienet misruqa jew akkwistata b' reat u xjentement b' kull mod indahal biex ibieghha jew imexxijha bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, liema vettura kellha valur li jecedi Ewro 2329.37c , kif ukoll talli huwa recidiv skond l-artikolu 49 u 50 tal-istess Kodici, kif ukoll li kiser il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Lulju, 2001 fejn kien gie estiz bi zmien tlitt snin ohra probation order maghmul b' sentenza tat-22 ta' Jannar, 1998 u kif ukoll li kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza datata 15 t' Ottubru, 2001 u tikkundannah ghall-periodu ta' erba (4) snin prigunerija.

Inoltre tikkundanna lill-appellat li jhallas l-ispejjez tal-perizja tal-espert Joseph Zammit fl-ammont ta' mitejn u tlieta w tletin Ewro w hames centezmi (Euro 233.05c) ekwivalenti ghall-LM100.05, fi zmien hmistax mill-lum u, in difett tal-hlas, tordna li dawn jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

In oltre, tordna li l-appellat jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din titratta mieghu ghal-ksur tal-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta kif impost fuqu bis-sentenza taghha tal-20 ta' Lulju, 2001 (Magistrat -illum Imhallef - A. Lofaro) u ghall-kommissjoni ta' reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 15 t' Ottubru, 2001 (Magistrat Dr. J. Padovani Grima).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------